MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 310/2012

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
Charles Abela
K.I. numru 82679 (M)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta p.l.c. li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti, in atti Nutar Dottor Pierre Falzon, datati 20 ta' Marzu 2002, (Dok. "A") u 12 ta' Novembru 2004 (Dok. "B"), kif ukoll zewg skritturi privati datati 17 ta' Mejju 2006 (Dok. "C") u 20 ta' Gunju 2007 (Dok. "D") is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Charles Abela;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Charles Abela fis-somma ta' mija u dsatax-il elf,

seba' mija u erbgha u sittin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€119,764.63) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts”* Charles Abela mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “E1 sa E5”, F1 sa F4”, “G1 sa G3”, “H1 sa H2” u Dok. “I1 sa I4”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Marzu 2012 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (u ezibiti bhala Dokumenti “A”, “B”, “C” u “D”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Charles Abela;

a. naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Charles Abela li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenut Charles Abela gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Awwissu 2009, li kopja taghha giet ezebita u immarkata Dok. ‘J’ sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huwa baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (ezibiti bhala Dokumenti “A”, “B”, “C”, u “D”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Charles Abela (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kien inadempjenti b'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skrittui sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Charles Abela li

jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici, u

2. Tikkundanna lil Charles Abela jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ somma ta’ mija u dsatax-il elf, seba’ mija u erbgha u sittin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€119,764.63) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts*” Charles Abela mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “E1 sa E5”, “F1 sa F4”, “G1 sa G3”, “H1 sa H2” u Dok. “I1 sa I4”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Marzu 2012 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta’ Awwissu, 2009 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li gie prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokument prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. PROVI:**

Rat li l-intimat Charles Abela debitament notifikat skond il-ligi ma deherx ghas-seduta tal-lum u baqa’ kontumaci.

Rat in-nota tal-bank rikorrent prezentata llum li permezz taghha:

“tirriduci t-talba taghha ghas-somma ta’ mija u tmintax-il elf u sebgha u tmenin Ewro u hdax-il centezmu (€118,087.11) flimkien mal-imghax legali mit-18 ta’ Gunju, 2012 sal-jum tal-pagament effettiv, stante depoziti li saru fil-mori ta’ din il-kawza.”

Xehdet Rose Cortis li ghandha l-kariga ta’ litigation officer mal-bank rikorrenti u qalet li fil-konfront ta’ Charles Abela qalet li l-ammont gie ridott peress li saret surrender ta’ life policy u ikkonfermat li l-ammont dovut huwa skond in-nota ta’ riduzzjoni prezentata llum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja ta’ l-intimat, it-talbiet tal-bank rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tilqaghhom qed tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-

grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Charles Abela (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kien inadempjenti b'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skrittui sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Charles Abela li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lil Charles Abela jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' mija u tmintax-il elf u sebgha u tmenin Ewro u hdax-il centezmu (€118,087.11) u dan kif ridott l-ammont bin-nota tal-21 ta' Gunju, 2012, bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" Charles Abela mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Marzu 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Awwissu, 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------